verian

Formerly Kantar Public

# Verian | Sommarju eżekuttiv tar-rapport dwar il-preferenzi pubbliċi għal temi ġodda tal-karti tal-flus tal-euro

**29 ta' Novembru 2023**



Riċerka indipendenti kkummissjonata mill-Bank Ċentrali Ewropew

# Sommarju eżekuttiv

Bħala parti mill-proċess għad-disinn mill-ġdid tal-karti tal-flus tal-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) staqsa lin-nies fiż-żona tal-euro dwar il-preferenzi tagħhom fir-rigward tas-seba' temi li ġejjin proposti mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE: "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti", "Il-kultura Ewropea", "Il-valuri Ewropej riflessi fin-natura", "Il-futur huwa tiegħek", "L-idejn: flimkien nibnu l-Ewropa", "L-Ewropa tagħna: aħna nfusna" u "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa".

Il-BĊE kkummissjona lil Kantar[1] Public, kumpanija indipendenti tar-riċerka, biex tmexxi stħarriġ (imsejjaħ f'dan ir-rapport l-"Istħarriġ ta' Kantar Public"). L-għan kien li jiġi żgurat li l-opinjonijiet tan-nies ikunu rappreżentati b'mod ugwali fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro u fost il-ġeneri u l-gruppi ta' età differenti. F'dan l-istħarriġ, li sar bejn l-20 ta' Ġunju u s-7 ta' Awwissu 2023, ġew intervistati kampjun rappreżentattiv ta' 23,377 rispondent fl-20 pajjiż taż-żona tal-euro u fil-Bulgarija (bħala l-pajjiż li jmiss fi triqtu biex jadotta l-euro).

Biex l-Ewropej kollha jingħataw l-opportunità li jkunu involuti fil-proċess, tnieda stħarriġ pubbliku online li juża l-istess kwestjonarju (imsejjaħ f'dan ir-rapport bħala l-"istħarriġ online tal-BĊE") flimkien mal-istħarriġ ta' Kantar Public. Bejn l-10 ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu 2023 waslu madwar 376,000 risposta valida għal dan l-istħarriġ. Ta' min jinnota li r-riżultati tal-istħarriġ online tal-BĊE mhumiex rappreżentattivi tal-popolazzjoni taż-żona tal-euro. Pereżempju, fost dawk li wieġbu għall-istħarriġ online tal-BĊE kien hemm xaqliba sinifikanti lejn ċerti pajjiżi u lejn irġiel żgħażagħ b'edukazzjoni tajba f'dak li jirrigwarda l-persuni li wieġbu. Għalkemm ir-riżultati ġew ponderati biex jikkoreġu parti minn dan ix-xaqliba, is-sejbiet tal-istħarriġ online tal-BĊE ma jistgħux jiġu estrapolati b'mod affidabbli biex jirrappreżentaw il-fehmiet tan-nies taż-żona tal-euro. Madankollu, l-istħarriġ online tal-BĊE jipprovdi perspettiva addizzjonali utli u ħarsa ulterjuri lejn il-preferenzi pubbliċi. Kien ukoll opportunità tajba biex isir kuntatt maċ-ċittadini Ewropej u qajjem kuxjenza sinifikanti dwar il-proċess ta' disinn mill-ġdid.

## Riżultati ewlenin mill-istħarriġ ta' Kantar Public

It-tliet temi identifikati bħala l-aktar preferuti fl-istħarriġ ta' Kantar Public huma kif ġej:

- "Kultura Ewropea" (ippreferuta minn 21 % taċ-ċittadini taż-żona tal-euro)
- "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" (ippreferuta minn 18 % taċ-ċittadini taż-żona tal-euro)
- "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" (ippreferuta minn 17 % taċ-ċittadini taż-żona tal-euro)

L-erba' temi l-oħrajn huma ferm anqas popolari. 13% u 12% biss taċ-ċittadini taż-żona tal-euro jgħidu rispettivament li jippreferu t-temi "Il-valuri Ewropej riflessi fin-natura" u "L-idejn: flimkien nibnu l-Ewropa". Sadanittant, "Il-futur huwa tiegħek" u "L-Ewropa tagħna: aħna nfusna" huma t-temi l-inqas preferuti, b'10 % u 9 % taċ-ċittadini taż-żona tal-euro rispettivament jikklassifikawhom bħala l-għażla favorita tagħhom għall-karti tal-flus tal-euro futuri.

[1] Kantar Public saret Verian fid-9 ta' Novembru 2023. L-istħarriġ għall-Bank Ċentrali Ewropew sar fis-sajf tal-2023, meta Verian kien għadu jisimha "Kantar Public". Ir-referenzi kollha għal "l-istħarriġ ta' Kantar Public" f'dan ir-rapport għalhekk jirreferu għall-istħarriġ immexxi minn Verian (li qabel kienet Kantar Public).

"Il-kultura Ewropea" hija t-tema ewlenija fi 12 minn 20 pajjiż taż-żona tal-euro, kif ukoll fil-Bulgarija. Speċifikament, hija t-tema l-aktar ippreferuta f'sitt pajjiżi taż-żona tal-euro u tinsab fl-ewwel post flimkien ma' tema oħra f'sitt pajjiżi, jew ma' "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" jew ma' "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti".

L-analiżi tal-istħarriġ ta' Kantar Public turi li minn perspettiva soċjodemografika, hemm biss varjazzjonijiet żgħar fil-preferenzi tematiċi skont il-ġeneru u l-età. "Il-kultura Ewropea" hija t-tema favorita fost il-ġeneri u l-gruppi ta' età kollha. Il-preferenza għal din it-tema hija kemxejn ogħla fost l-irġiel (21 %) milli fost in-nisa (20 %). "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" hija kemxejn aktar popolari fost in-nisa (19 %) milli fost l-irġiel (18 %). Madankollu, il-preferenza għal "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" hija notevolment ogħla fost in-nisa (19 %) milli fost l-irġiel (16 %).

Analiżi skont l-età turi li 22 % ta' dawk li għandhom 65 sena jew aktar jippreferu "Il-kultura Ewropea", meta mqabbla ma' 18 % fil-grupp tal-età ta' bejn is-16 u l-24 sena, filwaqt li l-perċentwali għall-gruppi ta' età intermedja jinsabu x'imkien fin-nofs. "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" hija tema kemxejn aktar popolari fost dawk li għandhom 40 sena u aktar (18–20 %) milli fost dawk taħt l-40 (16–17 %). Naraw xejra simili bit-tema "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti", li hija aktar popolari fost dawk tal-età ta' 25 sena u aktar (17-18%) milli fost dawk fil-grupp tal-iżgħar età (15%).

Il-livelli edukattivi jinfluwenzaw il-preferenzi tat-tema. Il-"Kultura Ewropea" hija ppreferuta minn 15 % ta' dawk li wieġbu b'edukazzjoni primarja, u titla' għal 26 % għal dawk b'PhD jew ekwivalenti. Dawk b'edukazzjoni ogħla jxaqilbu aktar lejn din it-tema, filwaqt li fost il-popolazzjoni b'livell baxx ta' edukazzjoni, il-preferenzi huma mifruxa fuq diversi temi. Fost dawk b'edukazzjoni primarja, "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" hija l-ogħla għażla b'19%, quddiem "Il-kultura Ewropea" bi 15%. Dawk li wieġbu b'edukazzjoni post-sekondarja jippreferu "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" (19 %) u "Il-kultura Ewropea" (19 % ukoll), kemxejn aktar mit-tema "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" (18 %).

Filwaqt li "Il-kultura Ewropea" u "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" jirċievu appoġġ konsistenti fl-istħarriġ ta' Kantar Public, ir-riżultati għal "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" huma mħallta, biex b'hekk din hija tema aktar polarizzanti. Tintgħoġob ħafna minn 29 % tal-popolazzjoni, u b'hekk tinsab eżatt wara t-tnejn l-oħrajn (bi 33 % jgħidu li togħġobhom ħafna "Il-kultura Ewropea" filwaqt li 30 % jgħidu li togħġobhom ħafna "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa"). Madankollu, hija kklassifikata biss fil-ħames post fil-kategorija "pjuttost togħġobni" (32 %). Ir-rata tagħha ta' "ma togħġobnix" (15%) hija ogħla minn dik kemm għal "Il-kultura Ewropea" (9 %) kif ukoll għal "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" (11%).

## Riżultati ewlenin mill-istħarriġ online tal-BĊE

Meta wieħed iħares lejn ir-riżultati tal-istħarriġ onlajn tal-BĊE, it-tliet temi ewlenin huma l-istess bħal fl-istħarriġ ta' Kantar Public, iżda f'ordni differenti. Ir-riżultati tal-istħarriġ online tal-BĊE jindikaw li t-temi l-aktar preferuti għal dawk li wieġbu fiż-żona tal-euro huma:

- "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" (34 %),
- "Il-kultura Ewropea" (23 %)
- "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" (16 %).

L-erba' temi l-oħrajn huma ferm inqas popolari. "Il-valuri Ewropej riflessi fin-natura" hija l-għażla favorita għal 10 % biss ta' dawk li wieġbu fiż-żona tal-euro. Sadanitant, 8 %, 6 % u 5 % biss tal-popolazzjoni jsemmu rispettivament "Il-futur huwa tiegħek", "L-idejn: flimkien nibnu l-Ewropa" u "L-Ewropa tagħna: aħna nfusna" bħala l-għażla ffavorita tagħhom għall-karti tal-flus tal-euro futuri.

Ir-riżultati tal-istħarriġ online tal-BĊE juru li "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" hija t-tema ewlenija f'16 minn 20 pajjiż taż-żona tal-euro. "Il-kultura Ewropea" hija kklassifikata l-aktar ta' spiss bħala t-tema favorita fl-erba' pajjiżi l-oħra taż-żona tal-euro u fil-Bulgarija.

Ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw ukoll li "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" hija t-tema ffavorita fil-gruppi kollha tal-ġeneru, l-età u l-edukazzjoni. Aktar nisa milli rġiel jgħidu li jippreferu din it-tema (36 % kontra 30 %). Bħal fil-każ tal-istħarriġ ta' Kantar Public, il-popolarità tat-tema tonqos id f'id mal-livell ta' edukazzjoni ta' dawk li wieġbu.

Skont l-istħarriġ online tal-BĊE, aktar min nofs il-popolazzjoni (51%) togħġobhom ħafna t-tema "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti", filwaqt li l-ishma ta' ċittadini Ewropej li jogħġbuhom "Il-kultura Ewropea" u "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" huma wkoll sostanzjali (39% u 31% rispettivament). Is-sehem ta' persuni li ma togħġobhom xejn it-tema "L-għasafar: ħielsa, reżiljenti, ispiranti" huwa frazzjon ogħla (9 %) mill-ishma korrispondenti għal "Il-kultura Ewropea" u "Ix-xmajjar: l-ilmijiet tal-ħajja fl-Ewropa" (it-tnejn 8 %). L-ishma tal-Ewropej li ma jogħġbuhom xejn it-temi l-oħrajn huma ogħla b'mod sinifikanti. B'mod ġenerali, l-opinjonijiet ta' dawk li wieġbu huma aktar varjati minn dawk espressi fl-istħarriġ ta' Kantar Public.